16 ta' Diċembru, 1953.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Indri Abdilla pr. et ne. *versus* Pawlu Abdilla

**Inġurja — Kwerela — Axxendent u Dixxendent — Kunsens — Art. 536 tal-Kap. 12.**

*Skond il-liġi, l-axxendent jista' jagħmel kwerela għad-dixxendent, anki jekk id-dixxendent ikun maġġorenni.*

*Il-kwistjoni jekk huwiex meħtieġ il-kunsens tad-dixxendent biex l-axxendent jagħmel kwerela għalih, tista' tinqala' meta l-axxendent jaġixxi bla inkariku u ad insaputa tad-dixxendent; imma biss meta d-dixxendent ma jkunx fl-impossibilità fiżika jew morali li jisporġi hu stess kwerela. Jekk id-dixxendent ikun f'din l-impossibilità, allura l-axxendent jaġixxi tajjeb għad-dixxendent, indipendentement minn kull kwistjoni dwar dak il-kunsens.*

L-imsemmi Indri Abdilla għamel kwerela għan-nom tiegħu stess u ta' bintu Maria kontra l-imsemmi Pawlu Abdilla, talli dan inġurjahom bl-ittra fol. 3;

B'sentenza tagħha tad-19 ta' Awissu 1953, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-kwerelat ħati, u kkundannatu għall-piena ta' l-ammenda ta' £2 u għall-ħlas ta' l-ispejjeż tal-kawża;

Il-kwerelat appella;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Kif jidher mir-rikors ta' l-appell, u kif deher mid-dibattitu quddiem din il-Qorti, l-appell hu limitat għall-kundanna tal-kwerelat vis-a-vis il-kwerelant nomine, fis-sens li, skond id-difiża, Indri Abdilla ma setax jikkwerela għan-nom ta' bintu Maria li, "ex concessis", ma hix minorenni; għalhekk,

"pro tanto", il-kundanna (tgħid id-difiża) hi nulla u revokabili;

Dr. Flores spjega (ara verbal fol. 17) li l-kliem li hemm fl-art. 536 Kap. 12, li l-kwerela tista' ssir, "inter alia", mill-axxendent għad-dixxendent, għandhom jifthemu fis-sens li d-dixxendenti jkun minuri, jew, jekk maġġorenni, ikun ta l-kunsens tiegħu;

Hu ċert li l-axxendent jista' jagħmel kwerela għad-dixxendent "anki jekk dan ikun maġġorenni", għax bl-Ordinanza XI ta' l-1900 ġew preċiżament imneħħija l-kliem li kien hemm qabel "discendenti sotto la loro potestà";

Kwantu għall-kunsens tad-dixxendent, il-kwistjoni tista' tinqala' meta l-axxendent jagħxxi bla inkariku u ad insaputa tad-dixxendent, imma biss meta dan id-dixxendent ma kunx fl-impossibilità fiżika jew morali li jisporġi huwa stess kwerela. Jekk ikun f'din l-impossibilità, allura l-axxendent jaġixxi tajjeb indipendentement minn kull kwistjoni dwar dan il-kunsens (ara sentenza f'dan is-sens mogħtija mill-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri, sedenti f'din il-Qorti, App. "Tabone utrinque", 13 ta' Novembru 1920);

Issa, ma hux kontestat (ara ċertifikat fol. 4) li Maria Abdilla hi fiżikament inkapaċi, għax affetta minn imbeċillità kongenita. Għalhekk ma hemmx kwistjoni ta' riċerka tal-kunsens tagħha;

Fil-meritu ma hemmx kontestazzjoni (ara verbal fuq imsemmi), u del resto, it-termini ta' l-ittra huma inġurjużi fil-konfront ta' Indri Abdilla u bintu Maria;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-kwerelat appellant. Onorarju tad-difensuri tnax-il xelin għas-seduta tal-lum u għaxar xelini l-waħda għal kull seduta oħra.

---

**Tmiem tal-Volum XXXVII.**

---